MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 25/2001/1

Joseph u Josephine konjuġi **CAMILLERI**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**, L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, Il-Kunsill Lokali tan-Nadur, Il-Ministru għall-Ambjent, illum magħruf bħala Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura, u b’Degriet tal-5 ta’ Ġunju, 2008, l-isem ġie mibdul u jaqra Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali; u b’Degriet tal-5 ta’ Jannar, 2007, issejħu fil-kawża l-Ministru għal Għawdex u d-Direttur tal-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan l-istess Ministeru

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta’ Ottubru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hem imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti: (i) jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li l-art tagħhom tal-kejl ta’ madwar tliet mija u ħamsa u erbgħin metri kwadri ($345m^2$) li tinsab fi Triq l-Isqof Cocco Palmieri, fin-Nadur, Għawdex, ittieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom, b’mod partikolari dawk elenkati fl-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u tal-artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal- tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) u (ii) għalhekk tiddikjara (li) l-istess esproprjazzjoni hija nulla u mingħajr effett legali, (iii) tordna li l-imsemmija art tingħata lura lill-esponenti u (iv) tordna wkoll li l-intimati jħallsu d-danni li jiġu likwidati mill-istess Qorti sofferti mill-esponenti kawża tal-aġir illegali u anti-Kostituzzjonali tagħhom, kif ukoll (v) li tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Ottubru, 2001, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-24 ta’ Ottubru, 2001;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-24 ta’ Ottubru, 2001, li biha l-intimati Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Artijiet laqgħu għall-azzjoni billi, b’mod preliminari, qalu li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma’ l-każ taħt il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta ladarba dik l-azzjoni, fil-qofol tagħha, hija waħda ta’ stħarriġ ta’ għamil amministrativ li r-rikorrenti setgħu fittxew b’rimedju ordinarju. Laqgħu wkoll billi qalu li l-azzjoni hija fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq, ladarba lazzjonijiet li minnhom jilmintaw ir-rikorrenti kienu ġraw aktar minn għaxar snin qabel ma fetħu l-kawża. Jgħidu li, safejn l-azzjoni promotriċi hija waħda maħsuba għall-ħlas tad-danni, din waqgħet biż-żmien tas-sentejn maħsub fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u li, safejn l-ilment jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-azzjoni taqa’ b’dak li jipprovdi l-artikolu

47(9) tal-istess Kostituzzjoni. Fl-aħħarnett, qalu li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tagħhom, la kif imħarsin bil-Kostituzzjoni u lanqas bil-Konvenzjoni;

Rat il-verbali tas-smigħ tat-22 ta' Frar, 2002, u tal-20 ta' Mejju, 2002, li bihom il-Qorti kienet mgħarrfa li kienu qegħdin isiru trattativi bejn il-partijiet;

Rat is-Surroga[1] li biha l-atti tar-Rikors ġew mgħoddija lil din il-Qorti kif presjeduta biex ikomplu jinstemgħu quddiemha;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-17 ta' Jannar, 2003, li biha l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalet li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi hija la qatt kellha x'taqsam ma' xi deċiżjoni meħuda dwar l-art tal-istess rikorrenti u lanqas kellha xi sehem f'dak li sar. Ċaħdet li hija qatt iddiskriminat kontra r-rikorrenti;

Rat illi l-Kunsill Lokali intimat, notifikat kif imiss bl-atti tar-Rikors, bl-Avviż tas-Smigħ u bl-Avviż tar-Ri-appuntament ma ressaq l-ebda tweġiba u lanqas deher jew kien rappreżentat kull meta ssejjaħ ir-Rikors;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2003[2], li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Awtorita' Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent u ħelset lill-istess Awtorita' milli tibqa' iżjed fil-kawża;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-1 ta' Lulju, 2004[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Kummissarju tal-Artijiet u Ministru tar-Riżorsi u l-Ambjent;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u rat il-provi dokumentali tagħhom;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġġ. 29 sa 36 tal-proċess
[3] Paġġ. 48 sa 59 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Jannar, 2007[4], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħhom tal-25 ta' Settembru, 2006, ordnat li jissejħu fil-kawża l-Ministru għal Għawdex u d-Direttur għall-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan l-istess Ministeru;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imsejħin fil-kawża fit-12 ta' Marzu, 2007, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li huma ma kinux il-kontradittturi leġittimi tar-rikorrenti minħabba li huma qatt ma kienu responsabbli mill-esproprjazzjoni tal-art in kwestjoni. Ċaħdu li huma qatt inżammu minn xi qorti milli jagħmlu x-xogħlijiet li minnhom jilminataw ir-rikorrenti u wisq anqas li huma qatt sfidaw xi ordni bħal dak mogħti minn xi qorti, u għalhekk iqisu li ssejħu fil-kawża għalxejn. Żiedu jgħidu li l-proċess tat-teħid tal-art inbeda sa minn żmien qabel ma r-rikorrenti saru sidien tal-art esproprijata, u għalhekk l-għażla li tittieħed l-art għal għan pubbliku ma setgħet qatt saret b'mod diskriminatorju magħhom. Għalhekk, qalu li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ma humiex tajbin u l-Qorti jmissha tiċħadhom;

Rat ix-xhieda mressqa quddiemha mill-partijiet, magħduda l-provi dokumentali;

Rat in-Nota mressqa mill-Ministru msejħa fil-kawża fis-17 ta' April, 2008[5], li magħha kien hemm mehmuża dikjarazzjoni maħlufa, u dik imressqa mir-rikorrenti fit-8 ta' Mejju, 2008[6], b'għadd ta' doikumenti mehmuża magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2010[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u, fuq talba li saritilha, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fil-25 ta' Marzu, 2011[8];

---

[4] Paġ. 245 tal-proċess
[5] Paġġ. 347 sa 350 tal-proċess
[6] Paġġ. 352 sa 391 tal-proċess
[7] Paġ. 531 tal-proċess
[8] Paġġ. 533 sa 553 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati Kummissarju tal-Artijiet, Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-imsejħin fil-kawża fid-19 ta' April, 2011[9], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2011, li bih ħalliet ir-Rikors għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħin "Camilleri"), bħala sidien ta' art li tinsab fin-Nadur, Għawdex, u tmiss ma' Triq l-Isqof Cocco Palmieri, jgħidu li t-teħid ta' dik l-art tagħhom b'esproprju sar bi ksur tal-jeddijiet tagħhom ta' tgawdija bi kwietha ta' ħwejjiġhom (l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) u b'mod diskriminatorju (artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni). Iridu għalhekk, li l-Qorti tħassar dak it-teħid u ssib li huma ġarrbu danni minħabba l-ksur tal-imsemmija jeddijiet fundamentali. Iridu li l-Qorti tillikwida d-danni mġarrbin minnhom u l-kundanna tal-intimati, jew ta' min minnhom, għall-ħlas tal-ammont likwidat;

Illi għall-azzjoni ta' Camilleri, l-intimati Kummissarju tal-Artijiet (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kummissarju") u l-Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (kif inhu illum magħruf) (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ministru") laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' l-każ taħt il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba dik l-azzjoni, fil-qofol tagħha, hija waħda ta' stħarriġ ta' għamil

[9] Paġġ. 558 sa 572 tal-proċess

amministrativ li r-rikorrenti setgħu fittxew b’rimedju ordinarju. Laqgħu wkoll billi qalu li l-azzjoni hija fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq, ladarba lazzjonijiet li minnhom jilmintaw ir-rikorrenti kienu ġraw aktar minn għaxar snin qabel ma fetħu l-kawża. Jgħidu li, safejn l-azzjoni promotriċi hija waħda maħsuba għall-ħlas tad-danni, din waqgħet biż-żmien tas-sentejn maħsub fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u li, safejn l-ilment jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-azzjoni taqa’ b’dak li jipprovdi l-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni. Fl-aħħarnett, qalu li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur ta’ xi jedd fundamentali tagħhom, la kif imħarsin bil-Kostituzzjoni u lanqas bil-Konvenzjoni;

Illi b’sentenza preliminari mogħtija fl-1 ta’ Lulju, 2004, il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari msemmija u qatgħetha li tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha biex tisma’ l-każ;

Illi wara li kien inbeda s-smigħ tal-provi ta’ Camilleri u minn xi xhieda li ngħatat, il-Qorti laqgħet talba tal-istess Camilleri biex jissejħu fil-kawża l-Ministru għal Għawdex u d-Direttur tal-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan l-istess Ministeru;

Illi l-imsemmija Ministru għal Għawdex u Direttur (aktar ’il quddiem imsejħin “l-imsejħin fil-kawża”) laqgħu għall-azzjoni ta’ Camilleri billi qalu li huma ma kinux il-kontradittturi leġittimi tar-rikorrenti minħabba li huma qatt ma kienu responsabbli mill-esproprjazzjoni tal-art in kwestjoni. Ċaħdu li huma qatt inżammu minn xi qorti milli jagħmlu x-xogħlijiet li minnhom jilminataw ir-rikorrenti u wisq anqas li huma qatt sfidaw xi ordni bħal dak mogħti minn xi qorti, u għalhekk iqisu li ssejħu fil-kawża għalxejn. Żiedu jgħidu li l-proċess tat-teħid tal-art inbeda sa minn żmien qabel ma r-rikorrenti saru sidien tal-art esproprijata, u għalhekk l-għażla li tittieħed l-art għal għan pubbliku ma setgħet qatt saret b’mod diskriminatorju magħhom. Għalhekk, qalu li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ma humiex tajbin u l-Qorti jmissha tiċħadhom;

Illi b’sentenza preliminari mogħtija fit-30 ta’ Ottubru, 2003, din il-Qorti laqgħet eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-

intimata Awtorita’ ta’ Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar u ħelsitha milli tibqa’ aktar fil-kawża. Għalhekk m’għadx hemm bżonn li l-Qorti tqis il-kontestazzjoni ta’ dik l-Awtorita’ għall-azzjoni ta’ Camilleri;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Camilleri kisbu mill-poter tal-Kurja ta’ Għawdex porzjoni ta’ art mill-qasam magħruf bħala “Il-Ħabel tal-Kappillan”, fi Triq l-Isqof Cocco Palmieri, fin-Nadur, bis-saħħa ta’ kuntratt tad-29 ta’ Settembru, 1989[10], fl-atti tan-Nutar Dottor George Pisani, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra, fosthom dik li jekk kemm-il darba xi parti mill-istess art tittieħed għall-formazzjoni tat-triq, ix-xerrej jingħata lura rata proporzjonali tal-prezz minnu mħallas u l-kumpens tal-esproprjazzjoni tirċevih il-Kurja. Minħabba li biċċa minn dik l-art kienet, fil-fatt, intlaqtet minn Ordni ta’ Esproprju, l-Kurja partitlu dik l-art ma’ biċċa art oħra fl-istess inħawi bis-saħħa ta’ att pubbliku ieħor tad-9 ta’ Frar, 1993[11], fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo. Din l-art hija immarkata bin-numri tnejn (2) u tlieta (3)[12];

Illi l-Avviż tal-Akkwist tal-art kien deher fil-Gażżetta tal-Gvern tas-26 ta’ Frar, 1985 (Avviż Nru. 171)[13]. Jidher li dan kien sar wara li, f’Ottubru tal-1980, kienet saret talba minn residenti ta’ porzjonijiet ta’ art li kienu nbnew fl-inħawi biex issir it-triq ta’ quddiem id-djar tagħhom[14]. F’Ġunju tal-1982[15], d-Direttur tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet biex iniedi l-proċess għat-teħid ta’ l-art biex issir it-triq, liema proċess wassal għall-ħruġ tad-Dikjarazzjoni Tal-President bl-Aviż numru 171[16]. Jidher li, wara li ngħatat l-imsemmija Dikjarazzjoni, id-Direttur tax-Xogħlijiet kien iltaqa’ ma’ reżistenza minn sid l-art u kellhom jittieħdu miżuri forzati ta’ esproprju u dan ukoll għaliex sadanittant kien qiegħed ikun imsemmi li t-teħid kien marbut ma’ l-bidla ta’ parti mill-art meħuda f’*belvedere* pubbliku[17];

---

[10] Dok “GP”, f’paġġ. 84 – 5 tal-proċess
[11] Dok “MR”, f’paġġ. 86 – 8 tal-proċess
[12] Dok “BK”, f’paġ. 63 tal-proċess
[13] Dokti “TB1” u “NA3”, f’paġġ. 114 u 168 – 9 tal-proċess
[14] Dokti “NA1” u “AB1”, f’paġġ. 165 – 6 u 397 – 8 tal-proċess
[15] Dokti “NA5” u “AB2”, f’paġġ. 171 – 2 u 399 – 400 tal-proċess
[16] Dok “AB3”, f’paġ. 401 tal-proċess
[17] Dokti “NA4” u “AB4”, f’paġġ. 170 u 404 tal-proċess

Illi permezz ta' avviż ieħor li deher fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 1991[18], inħarġet Dikjarazzjoni oħra (Avviż 443) biex biċċa oħra mill-imsemmija art li kienet tmiss ma' dik li dwarha nħarġet l-ewwel Dikjarazzjoni fl-1985 ukoll tittieħed għal għan pubbliku. Din it-tieni Dikjarazzjoni kienet tolqot l-art miksuba minn Camilleri. Din id-Dikjarazzjoni nħarġet wara li saret talba lill-Kummissarju intimat f'Lulju tal-1990 biex fuq l-imsemmija art isir *belvedere*[19]. Skond id-Dikjarazzjoni, t-teħid tal-art kien b'xiri assolut;

Illi fl-1991, Camilleri fetħu proċeduri quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) dwar is-siwi tad-Dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni. Lejn l-aħħar tal-1996[20], kienu ressqu proposta lill-Kummissarju tal-Artijiet biex iqis jekk jirtirax l-imsemmija Dikjarazzjoni u huma jwaqqfu l-kawża kostituzzjonali. Ma jidhirx li kellhom tweġiba kif talbu;

Illi sa minn mindu xtraha, Camilleri jgħid li kien imfixkel fit-tgawdija tagħha minn dawk li għandhom id-dar tagħhom quddiem l-istess art[21]. Dawn huma aħwa mill-familja Camilleri u wieħed minnhom, Michael Camilleri, huwa x-xufier tal-Ministru msejħa fil-kawża u kien ilu żmien *canvasser* tagħha[22]. Wħud minn dawn l-aħwa kienu wrew interess li jixtru l-art fil-bidu tas-snin disgħin (tas-seklu l-ieħor), iżda kull meta kellmu lill-funzjonarji tal-Kurja (u saħansitra lill-Isqof) għarrfuhom li l-art ma kinitx għall-bejgħ, għaliex kienet art li mhix għall-bini;

Illi filwaqt li missier ir-rikorrent Camilleri għamel xi żmien Deputat fil-Parlament mal-Partit Laburista, huwa nnifsu kien darba ħareġ bħala kandidat fl-Elezzjoni Ġenerali tal-1987 f'isem il-Partit Laburista wkoll. Jgħid li jħaddan it-twemmin ta' dak il-partit u jieħu sehem fl-attivitajiet tiegħu[23]. Jgħid li n-nies li joqogħdu faċċata tal-art tiegħu huma kollha ta' fehma politika differenti minn tiegħu u li

[18] Dok "TB11", f'paġġ. 131 – 2 tal-proċess
[19] Dok "NA6", f'paġġ. 173 – 4 tal-proċess
[20] Dok "JCJ6", f'paġ. 371 tal-proċess
[21] Affidavit tiegħu Dok "TK1"28.9.2004, f'paġ. 79 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Michael Camilleri 9.11.2004, f'paġ. 66 tal-proċess
[23] Xhieda Dr. Anton Refalo 16.11.2006, f'paġ. 229 tal-proċess

dak li ġara dwar l-art tiegħu ġara b'istigazzjoni tagħhom minħabba d-differenzi politiċi u biex ma jħallu lil ħadd jibni quddiem id-dar tagħhom[24]. Jgħid ukoll li porzjonijiet oħrajn ta' art fuq l-istess naħa tat-triq fejn tinsab l-art tiegħu ma tteħdux għal xi proġett, bħalma ttieħdet l-art tiegħu, u kollha nbnew. Jallega li s-sidien tagħhom huma wkoll kollha ta' fehma politika differenti minn tiegħu[25];

Illi f'Jannar tal-1998, inħarġu l-iskemi provviżorji dwar l-iżvilupp f'inħawi 'l hawn u 'l hinn fil-Gżejjer Maltin u beda proċess ta' konsultazzjoni pubblika. L-art mixtrija minn Camilleri kienet taqa' f'inħawi milquta minn waħda minn dawn l-iskemi[26]. F'Ġunju tal-1998, Camilleri qabbad perit biex jitlob bidla fl-iskema tal-iżvilupp tal-inħawi li jmissu mal-art minnu miksuba[27]. Il-persuni fuq imsemmija li għandhom darhom quddiem l-art li kienu kisbu Camilleri, ressqu oġġezzjoni għat-talba[28]. Dik it-talba ma ntlaqgħetx f'Lulju tal-1999[29] minħabba li talba bħal dik ma kenitx taqa' taħt is-setgħat tal-*Planning Control*;

Illi din il-kawża nfetħet f'Ottubru, 2001. Matul l-2002, Camilleri talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kunsill Lokali intimat, liema talba ntlaqgħet b'degriet mogħti fis-17 ta' Marzu, 2003[30]. Minkejja dan, fuq l-art ta' Camilleri saru xogħlijiet biex sar *belvedere*. Dan sar wara li f'Awissu tal-2001[31], il-Kunsill Lokali intimat kien talab l-approvazzjoni mill-awtorita' kompetenti biex isir *belvedere* fl-inħawi tal-"Ħabel tal-Kappillan", liema talba l-MEPA laqgħet fi Frar tal-2003[32]. Ix-xogħlijiet saru minn u taħt id-direzzjoni tad-Direttur imsejjaħ fil-kawża[33], wara li talba oħra minn Camilleri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili biex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni kontrih ma ntlaqgħetx[34];

---

[24] Dok "JCJ1" (Xhieda ta' Rita Camlleri 23.6.1992 fl-atti tal-kawża 358/91JSP), f'paġ. 357 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Peter Paul Żerafa 4.10. 2007, f'paġ. 270 tal-proċess
[26] Dok "VBF1", f'paġ. 177 tal-proċess
[27] Xhieda Victor Borġ Fiorentino 16.11.2006, f'paġ. 243 tal-proċess
[28] Dok "PM5", f'paġġ. 523 – 4 tal-proċess
[29] Dok "RA1", f'paġ. 211 tal-proċess
[30] Mandat 2521/02, Dok "JCJ3", f'paġ. 368 tal-proċess
[31] Xhieda tal-A.I.Ċ. Raphael Axiaq 3.10.06, f'paġ. 214 tal-proċess
[32] Dok "TB15", f'paġġ. 137 – 9 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Dr. Chris Said 16.6.2005, f'paġ. 157 tal-proċess
[34] 2.4.2003 Mandat 18/03TMT

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ huwa xieraq li jitfisser sewwa x'inhuma l-ilmenti ta' Camilleri u x'inhuma t-talbiet li għamlu f'din il-kawża. Dan huwa meħtieġ biex il-Qorti tqis biss dak li ntalab u ma tinġarrx ma' konsiderazzjonijiet oħrajn li l-partijiet setgħu ressqu matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja u li ġieli kellhom il-ħabta li jxellfu l-attenzjoni minn dak li oriġinarjament kien maħsub fir-Rikors promotur;

Illi l-premessi tar-Rikors promotur isemmu: (a) li l-art li ttieħdet mill-Gvern ma teħditx minħabba għanijiet pubbliċi, iżda minħabba t-twemmin politiku tar-rikorrent Camilleri; (b) li t-teħid tal-art sar biex jivvantaġġa lil persuni ta' twemmin politiku ieħor; (ċ) li l-użu tal-art bħala *belvedere* ma kienx meħtieġ minħabba li ftit 'il bogħod minn kien hemm diġa' *belvedere* ieħor; (d) filwaqt li kull min xtara art ħdejn dik tar-rikorrenti tħalla jibniha, kien fil-każ tiegħu biss u minħabba t-twemmin politiku tiegħu li l-art miksuba ma nħarġilhiex permess biex tinbena, biex b'hekk ingħata pjaċir favur dawk il-persuni li għandhom id-djar tagħhom quddiem l-art tiegħu; (e) li għal għaxar snin sa wara li kienet ittieħdet l-art, ma kien sar l-ebda użu minnha skond kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni; u (f) li r-rikorrenti ma ngħataw qatt l-ebda kumpens;

Illi t-talbiet ta' Camilleri huma biex il-Qorti (a) ssib li l-art ittieħdet bi ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikoli 14 u 1 (tal-Ewwel Protokoll) tal-Konvenzjoni; (b) issib li lesproprjazzjoni ma tiswiex u b'hekk tħassarha u tordna li l-art tintradd lura lilhom; u (ċ) f'każ li dan ma jistax aktar isir, li l-intimati, jew min minnhom, iħallsuhom kumpens għad-danni li ġarrbu minħabba dak il-ksur;

Illi l-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar **ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom**. Kif ingħad qabel, dan l-ilment ta' Camilleri jrieġi fuq żewġ dispożizzjonijiet, u jiġifieri l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi għar-rigward tal-ilment taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, tajjeb jingħad li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-teħid seħħ taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta[35] liema liġi kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li: "*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...*". Dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux jgħoddu biss jekk kemm-il darba xi liġi bħal dik (i) iżżid mal-għamliet ta' ġid li jista' jittieħed għal skop pubbliku jew li tolqot xi jeddijiet jew interessi fuq ġid bħal dak; jew (ii) iżżid mal-għanijiet li għalihom jew maċ-ċirkostanzi li fihom dak il-ġid jista' jittieħed; jew (iii) tagħmel aktar iebsa l-kundizzjonijiet li taħthom jitħallas kumpens xieraq għal teħid ta' ġid bħal dak; jew (iv) iċċaħħad xi persuna mill-jedd għall-aċċess għal qorti jew tribunal għall-ħlas ta' kumpens xieraq jew mid-dritt tal-appell mid-deċiżjoni minn qorti jew tribunal bħal dak, kif imfissra gl-artikolu 37(1)(b) u (ċ) tal-Kostituzzjoni;

Illi l-ebda waħda mill-premessi fir-Rikors ta' Camilleri fuq imsemmija ma jaqgħu taħt xi waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u daqstant ieħor l-ebda waħda minn dawk il-premessi jew mit-talbiet ma tattakka l-liġi nnifisha jew is-siwi tat-tħaddim tagħha. Dan ifisser għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-ilment ta' Camilleri safejn imsejjes fuq il-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa' sewwasew minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta li taħthom saret l-ordni tal-esproprju tal-art mertu tal-każ huma mħarsin mill-Kostituzzjoni nnifisha minn dak li jipprovdi l-artikolu 37 tagħha[36];

---

[35] Ord. XL tal-1935 tat-8 ta' Ottubru, 1935 (kif emendata)

[36] Ara Kost. **10.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Rene' Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Art et***

Illi, minbarra dan, kif tajjeb jissottomettu l-intimati fin-Nota tagħhom[37], huwa fatt li, meta nħarġet l-ewwel Dikjarazzjoni ta' Esproprju, sid l-art kienet il-Kurja Veskovili ta' Għawdex. L-istess ħaġa tingħad dwar l-art li l-Kurja għaddiet lil Camilleri bis-saħħa tal-kuntratt ta' permuta fi Frar tal-1993. Dan ifisser ukoll li l-art ma tteħditx minn idejn Camilleri fl-ebda waħda miż-żewġ okkażjonijiet li nħarġet id-Dikjarazzjoni ta' Esproprju, iżda waqt li sidha kien ħaddieħor;

Illi kemm matul is-smigħ tax-xhieda[38] u wisq aktar matul is-sottomissjonijiet miktuba[39], Camilleri jisħqu li la huma u lanqas il-Kurja ma kienu jafu bl-esproprjazzjoni ta' biċċiet mill-art milquta bil-kuntratti ta' bejniethom. Il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-atti kollha tal-kawża, issib li ma tistax toqgħod fuq dan l-argument. Fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda dubju li t-teħid (kemm l-ewwel wieħed u wkoll it-tieni wieħed li kompla fuq ta' qablu) tal-art ħareġ minn Ordni li kien pubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern. Pubblikazzjoni ta' avviż f'dik il-Gażżetta titqies bħala dikjarazzjoni pubblika u uffiċjali li kulħadd huwa mistenni li jkun mgħarraf biha (u b'kulma jingħad fiha), wkoll jekk m'hijiex il-ħabta ta' dak il jkun li jaqraha bħalma jaqra l-ġurnali ta' kuljum. Fit-tieni lok, minn kliem innifsu ta' klawsoli fiż-żewġ kuntratti ta' treasferiment li saru bejn Camilleri u l-Kurja, joħroġ ċar li kien hemm aktar minn ħjiel li l-art kienet milquta minn esproprju: fl-ewwel kuntratt (Settembru tal-1989), fis-sens li kull kumpens dovut għat-teħid mill-Gvern tal-art jew ta' xi biċċa minnha kellha tirċevih il-Kurja (li mbagħad intrabtet li tassenja biċċa art oħra ta' kejl indaqs lil Camilleri f'każ li dan iseħħ); fit-tieni kuntratt (Frar tal-1993), saħansitra billi jissemma li, ladarba kienet diġa' saret l-esporopjazzjoni, Camilleri ħallas parti min-nefqa li kienet saret bil-wegħda li, meta l-Kurja tingħata l-kumpens tal-art meħuda, tirrifondi s-sehem lil Camilleri. Meta, imbagħad, Camilleri saħansitra xehed li ma kienx qabel l-2003 meta sar jaf fiċ-ċert bl-esproprju, wieħed isib li dan jikkontrasta bis-sħiħ (i) ma' dak li sar fl-1996, meta kienu l-istess Camilleri li qabbdu avukat biex jikteb lill-Kummissarju intimat (u dan

[37] § 9 tan-Nota f'paġġ. 560 – 1 tal-proċess
[38] Per eżempju, x-xhieda tar-rikorrent 5.11.2008 u 12.2.2009, f'paġġ. 423 u 445 tal-proċess
[39] Paġġ. 535 u 537 tal-proċess

meta fl-1991[40] kienu diġa' ressqu l-ewwel kawża kostituzzjonali kontra l-esproprju tal-art) biex jitolbuh jirtira l-Ordni ta' Esproprju u huma jirtiraw il-kawża u (ii) kif ukoll mal-fatt li Camilleri fetħu din il-kawża fl-2001;

Illi l-Qorti dehrilha li kellha ssemmi dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, għaliex Camilleri jibnu l-biċċa l-kbira tal-każ tagħhom fuq dan il-fatt u wkoll fuq iċ-ċirkostanza li, sa minn qabel ma kien pubblikat l-ewwel kuntratt, kien hemm fis-seħħ att ta' konvenju mal-Kurja li kien sar f'xi żmien matul l-1988. Kopja ta' dan il-konvenju baqgħet ma tressqet qatt f'din il-kawża. F'kull każ, l-ewwel Ordni ta' Esproprju kien sar fi Frar tal-1985, u t-tieni wieħed kien sar f'Ġunju tal-1991;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li Camilleri ma seħħilhomx juru li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ issa l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan jipprovdi li: "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[41], huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ

---

[40] Rik. 358/91JSP
[41] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61

xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[42] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[43]. B'"*de facto deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possesions without formally divesting the owner of his title*"[44]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[45];

Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

---

[42] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[43] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>*Law of the European Convention on Human Rights*</u> (1995), paġġ. 527 – 8
[44] *Ibid.* f'paġ. 528
[45] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[46], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala “interess pubbliku”, l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta’ diskrezzjoni[47]. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjeta’ u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għamil ikun ta’ teħid ta’ proprjeta’ u kif ukoll jekk ikun “sempliċement” dwar indħil fl-użu tagħha[48];

Illi wieħed mill-ilmenti ta’ Camilleri f’dan il-każ kien li t-teħid tal-art miksuba minnhom ma kienx tassew magħmul b’għan ta’ użu pubbliku, iżda biss biex jissoddisfa x-xewqa ta’ sidien privati li kellhom x’jitilfu jekk kemm-il darba r-rikorrenti kellhom xi darba jiksbu l-permessi biex jizviluppaw dik l-art;

Illi huwa llum aċċettat li t-tifsira ta’ “*skop pubbliku*” li wieħed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta’ osservazzjonijiet magħmulin f’xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B’dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettivita’ b’kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b’daqshekk in-nuqqas ta’ interess pubbliku[49], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[50]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li post jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b’daqshekk li l-għan maħsub m’huwiex wieħed pubbliku jew li m’huwiex fl-interess pubbliku[51]. Wieħed mistenni wkoll jagħraf bejn l-implikazzjonijiet tal-kunċett tal-għan pubbliku minn dawk marbuta mal-kunċett ta’ interess pubbliku[52];

---

[46] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

[47] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87

[48] K. Reid A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights (3rd. Edit, 2007) paġ. 501

[49] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**)

[50] P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15.10.2008)

[51] Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.57**)

[52] Ara, per eżempju, Kost **10.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.139**), App. Ċiv. **30.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et***

Illi minn qari xieraq tal-atti tal-kawża l-Qorti tasal għall-fehma li fiż-żmien li nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-President fl-1985, l-għan li għalih ittieħdet l-art kien bla dubju wieħed li jilħaq il-kriterji hawn fuq imsemmija ta' skop pubbliku, minħabba li dak it-teħid kien marbut mal-formazzjoni ta' triq pubblika. Dwar it-tieni Dikjarazzjoni li saret f'Ġunju tal-1991, hemm xi ftit aktar x'wieħed jgħid. It-teħid tal-art taħt id-Dikjarazzjoni tal-1991 kien biex isir il-*belvedere*. Camilleri jisħqu li fin-Nadur hemm bosta minnhom u saħansitra ftit metri 'l bogħod mill-art li tteħditilhom u li llum saret fil-fatt *belvedere*, hemm *belvedere* ieħor. Huma jgħidu li dak il-għan kien żejjed u ma setax ikun meqjus bħala għan ġenwin li bis-saħħa tiegħu tittieħed l-art;

Illi din il-Qorti, filwaqt li tifhem l-argument ta' Camilleri, ma tistax ma tiħux qies ukoll tal-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qrati tagħna sewwasew dwar il-*belvedere* mertu tal-każ u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-għan li għalih sar[53]. F'dak il-każ, il-Qorti kienet ċara li l-għamil tal-*belvedere* li minnu jilmintaw Camilleri kien proġett li sar għal għan pubbliku u fl-interess ġenerali tal-pubbliku, aċċessibbli għal kulħadd u mhux biss għal ftit nies;

Illi Camilleri jgħidu wkoll li hemm nuqqas ta' bilanċ fid-deċiżjoni tat-teħid tal-art li huma xtraw meta mqabbel mal-vantaġġ li nkiseb bil-formazzjoni tal-*belvedere*. L-intimati jmieru dan l-argument. Din il-Qorti, madankollu, ssib li Camilleri għandhom raġuni tajba taħt din il-kawżali, għalkemm mhux bilfors fil-parametri li huma jressquha. Wieħed mill-kriterji li maż-żmien tqiesu biex wieħed jara jekk persuna ġarrbitx ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel protokoll huwa dak tal-proporzjonalita' bejn it-teħid tal-ġid u t-tbatija tal-persuna mċaħħda minn ġidha. Jidher li fit-tifsira mogħtija lill-kwestjoni taż-żamma tal-bilanċ xieraq bejn l-interess tal-kolettivita' (l-interess pubbliku) u l-jeddijiet tal-persuna li ħwejjiġha jkunu ttieħdu mill-awtorita' pubblika, wieħed irid jara jekk tali persuna kellhiex aċċess għal għodda xierqa li biha setgħet tqassar iż-żmien li fih il-

(Kollez. Vol: **LXXVII.ii.390**) u Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) għat-tifsira bejn « skop » u « interess » pubbliku

[53] Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Vella et vs Kummissarju tal-Art et***

proċess tat-teħid (u l-konsegwenzjali ħlas ta' kumpens xieraq) jinġieb fi tmiemu[54]. Dan jingħad għaliex "*the fair balance will not be upset where the applicant has failed to make proper use of available procedures for remedying the interference complained of, even where these interferences were prima facie incompatible with the fair balance requirement and even where the conduct of the authorities was not beyond reproach*"[55];

Illi minbarra dan, għalkemm l-imsemmi artikolu ma jgħid xejn dwar il-kumpens, il-fatt li ma jkunx tħallas kumpens meta ttieħdet il-proprjeta' huwa fattur determinanti għall-Qorti meta tiġi biex tqis jekk ikunx inżamm bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali[56]. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li "*compensation terms are material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and whether or not it imposes a disproportionate burden. In this connection the Court holds that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call for less than reimbursement of the full market value'* "[57];

Illi fil-każ ta' Camilleri jirriżultaw tliet ċirkostanzi li ta' min isemmi: (i) li fil-kuntratti tal-kisba tal-art, il-kumpens tal-esproprju kellu jinġabar mill-bejjiegħ (il-Kurja), bi dritt għar-rifużjoni *pro rata* favur Camilleri; (ii) li ma ntweriex jekk qatt inbdewx proċeduri minn xi waħda mill-partijiet biex jitmexxa 'l quddiem il-proċess tal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens; u (iii) ma ntweriex lanqas jekk sal-lum, tħallasx il-kumpens minħabba t-teħid tal-art. Mill-provi, jirriżulta li wara l-bidliet li seħħew fil-liġi fl-2006 dwar il-kriterji tal-kumpens dovut, id-Dipartiment tal-Artijiet kien għadu qiegħed iqabbad periti biex jivvalutaw l-art meħuda biex fuqha sar il-*belvedere* mertu tal-każ[58]. Minbarra dan, il-proġett definittivament twettaq u ntemm f'xi żmien fl-

[54] Ara, per eżempju, Q.E.D.B. **23.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Phocas vs Franza*** (Applik. Nru. 17869/91) § 60

[55] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit., 2006), f'paġ. 876

[56] Kost. **3.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Dottor David Tonna et vs Kummissarju tal-Artijiet***

[57] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. Cit.*, paġ. 881

[58] Dokti "PM3" u "PM4", f'paġġ. 496 – 7 tal-proċess

2003, u b'dan il-mod intemmet definittivament it-tgawdija tal-art min-naħa ta' Camilleri;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li Camilleri ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan minħabba l-fatt li s'issa, minkejja li għadda żmien twil minn mindu l-art ittieħdet mill-Gvern, ma ngħataw l-ebda kumpens. F'każijiet bħal dawn, l-għoti ta' kumpens fi flus huwa mistenni. Għalkemm, f'dan il-każ, il-Qorti m'hijiex qiegħda tiddetermina l-kumpens materjali tal-valur tal-art meħuda (għaliex din trid tkun determinata fis-sedi xierqa u minnha jibbenefikaw Camilleri bis-saħħa tal-kuntratti tal-kisba tal-art li huma għamlu), hija tqis li Camilleri jistħoqqilhom kumpens morali għall-ksur tal-jedd minnhom imġarrab. Meta qabblet il-fatturi kollha ewlenin, fosthom il-kejl tal-art, u qabblithom ma' kumpensi mogħtija f'kawżi oħrajn, hija waslet għal-likwidazzjoni tas-somma ta' ħamest elef ewro (€ 5,000) favur ir-rikorrenti;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-**ilment tar-rikorrenti li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma jkunux diskriminati**. Huwa ċar, mill-premessi tar-Rikors tagħhom, li Camilleri jilmintaw minn diskriminazzjoni politika. Huma jsejsu l-ilment tagħhom kemm taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra tqis l-ilment taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien, minkejja d-differenzi li l-istess żewġ dispożizzjonijiet jofru fit-tħaddim u t-tifsir tagħhom[59];

Illi fl-artikolu 45 il-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[60]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita'

---

[59] Kost. **18.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Anne Miller pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et***
[60] Art 45(1)

pubblika[61]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[62]. Tgħid ukoll li l-ebda diskrezzjoni dwar għamil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li xi persuna jkollha skond il-Kostituzzjoni nfisha jew xi liġi oħra ma titqies li tmur kontra l-jedd li dik il-persuna ma ġġarrabx diskriminazzjoni[63];

Illi fl-artikolu 14 il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew *status* ieħor;

Illi, minbarra dan, taħt il-profil ta' ksur taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni irid jintwera llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[64];

Illi wkoll b'riferenza għall-imsemmi artikolu, meħtieġ jintwera (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss

[61] Art. 45(2)
[62] Art. 45(3)
[63] Art. 45(8)
[64] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et***

indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[65]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[66];

Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[67];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm*

---

[65]Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177

[66] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6

[67] QEDB **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)

*diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[68];

Illi Camilleri jagħmluha ċara li ġara dak li ġara fuq l-art tagħhom minħabba l-fehma politika tar-rikorrent u minħabba s-sehem attiv tiegħu fil-politika marbut ma' partit politiku partikolari. Iżidu jgħidu li dak li sar, ġara minħabba l-insistenza ta' nies ta' fehma politika li ma taqbilx ma' tagħhom u li huma midħla mal-partit oppost. Mhux hekk biss, imma jibnu l-każ fuq il-fatt li wieħed mill-persuni li ħabrek sa minn dejjem biex l-art ma tinkisibx minn Camilleri u, wara li nkisbet minnu, biex ma tinbeniex, kien sewwasew persuna li għal żmien twil kien *canvasser* u issa attwalment ix-xufier tal-Ministru msejħa fil-kawża;

Illi l-Qorti tifhem sewwa dak li Camilleri jressqu quddiemha u dan, fil-qafas ta' sistema politiku li għadu mwaħħal f'ideja ta' paternaliżmu u, aktar u aktar, f'komunita' żgħira fejn kulħadd "jaf" lil kulħadd u kulħadd jaf fuq kulħadd, jista' jagħmel ħafna sens għall-każ tagħhom. Iżda l-Qorti qieset sewwa l-provi mressqa u rat kulma tressaq quddiemha b'moħħ miftuħ, u waslet għall-fehma li hemm fatti partikolari li ma jwasslux għal dak li jridu r-rikorrenti. L-aktar fatt rilevanti li joħroġ fil-beraħ huwa dak li d-Dikjarazzjoni tal-Esproprju nħarġet l-ewwel darba (fl-1985) meta Camilleri lanqas biss kienu għadhom tħajru jiksbu l-art. L-istess jingħad dwar it-tieni Dikjarazzjoni (fl-1991), u hawn il-Qorti terġa' tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar l-episodju tal-konvenju u dwar l-għarfien

---

[68] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

tal-fatti min-naħa ta’ Camilleri. Fit-tieni lok, l-ewwel darba li l-art ittieħdet, la l-Ministru msejħa fil-kawża u lanqas il-Partit li miegħu timmilita ma kienu fil-Gvern, u għalhekk l-għan li għalih l-art ittieħdet ma seta’ qatt maħsub li jsawwat lir-rikorrent;

Illi, minbarra dan, it-teħid tal-art biex isir il-*belvedere* ma sarx fuq deċiżjoni jew ordni tal-imsemmija Ministru msejħa fil-kawża, iżda minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn, u dawn ma ntwerewx li għamlu dan immexxijin minn motivazzjonijiet politiċi jew minn atteġġamenti vendikativi fil-konfront ta’ Camilleri. Hemm xhieda *a tempo vergine* li tixhed li l-ħsieb li jsir il-*belvedere* kien motivat minn raġunijiet ambjentali. Iċ-ċirkostanzi mhux wisq ortodossi fejn il-proġett li kien inbeda mill-Kunsill Lokali u (wara l-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni) tkompla mill-Ministeru għall-Għawdex taħt id-Direttur imsejjaħ fil-kawża, ma jistgħux jingħadu li saru b’mod diskriminatorju politiku, għalkemm mhux eskluż li sar għal gwadann politiku. Iżda dan ma jissarrafx f’diskriminazzjoni. Lanqas ma jista’ jitqies bħala diskriminatorju għall-finijiet tal-artikoli 45 u 14 il-fatt li n-nies li kellhom interess biex l-art ta’ Camilleri ma tinbeniex kienu u, x’aktarx, huma midħla tal-Ministru msejħa fil-kawża. F’dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel tagħha l-fehma mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali meta qalet “*d-deċiżjoni li tittieħed l-art ittieħdet mill-awtorita’ kompetenti u mhux mill-Ministru ta’ Għawdex, u għal skop leġittimu. Ilfatt li min ma qabilx mad-deċiżjoni ma jaqbilx ukoll mal-fehma politika tal-Ministru u ma għandux aċċess faċli għall-Ministru daqskemm għandu ħaddieħor ma jfissirx li, ipso facto, saret diskriminazzjoni kontrih, kif qegħdin jaħsbu l-atturi.*”[69] Minbarra dan, “ *... biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni ma’ min titteħidlu l-proprjeta’ mhux bilfors illi trid tittieħed il-proprjeta’ ta’ kulħadd fl-istess inħawi. Il-prinċipju tal-proporzjonalita’ jrid ukoll illi ma titteħidx art privata aktar milli meħtieġ għall-għan pubbliku. ... Li trid il-liġi ma huwiex li ma jiġix sagrifikat l-interess privat għal dak ġenerali, iżda li meta huwa meħtieġ dak is-sagrifiċċju, min ibati jingħata kumpens xieraq*”[70];

---

[69] Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Vella et vs Kummissarju tal-Art et***
[70] *ibid*

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma sabitx li Camilleri wrewha tajjeb biżżejjed li huma tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma ssirx diskriminazzjoni magħhom, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** safejn dawn jinbnew fuq l-ilment tagħhom li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

**Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti** billi ssib li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan billi huma baqgħu ma ngħatawx kumpens xieraq għat-teħid tal-art tagħhom;

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** għat-tħassir tal-Ordni li bih l-art kienet meħuda mill-Gvern, u dan għaliex ma jirriżultax li l-art ittieħdet għal għan li m’huwiex dak maħsub fil-liġi;

**Tillikwida**, bħala kumpens morali dovut lir-rikorrenti minħabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, u bla ħsara għal kull rimedju ieħor li huma jista’ jkollhom skond il-liġi, is-somma ta’ ħamest elef ewro (€ 5,000); u

**Tordna** li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, kull parti tħallas l-**ispejjeż** tagħha, b’dan illi l-ispejjeż dwar is-sentenza preliminari tat-30 ta’ Ottubru, 2003 jitħallsu mir-rikorrenti filwaqt li dawk tas-sentenza preliminari tal-1 ta’ Lulju, 2004, jitħallsu mill-intimati Kummissarju tal-Artijiet u Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------